NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Novembru - Diċembru

Nru. 51

## IL-PAPA ĠEJ MALTA



L-istorja ta' Malta hija sabiħa u interessanti għaliex hija minsuġa minn bosta ġrajjiet storiċi. Sa mill-antik bosta kienu dawk il-kbarat li żaruha u kollha kellhom kliem ta' tifħir għall-gżira ċkejkna tagħna. U jekk fl-imgħoddi kienet tant popolari, xejn inqas il-lum. Ftit xhur oħra ser iżurna persunaġġ kbir. Kbir għax huwa kap ta' stat u iżjed u iżjed għax huwa il-vigarju ta' Kristu. Wara li ilna nistennew l-aħbar tal-miġja tal-Papa fostna, din l-aħbar, bħal sajjetta fil-bnazzi, feqqgħet fil-kon-kattidral ta' San Ġwann u nferxet ma' Malta kollha fi ftit minuti. Kull Malti ħa nifs qawwi ta' sodisfazzjon u kulħadd deher kuntent b'din iż-żjara. Malta kienet f'moħħ il-Papa sa minn meta nħatar kap. Kien jiftakar fina fit-talb tiegħu u kien ukoll jibgħat iselli għalina mal-kapijiet tal-knisja f'Malta. L-awguri tiegħu lilna fil-Milied u l-Għid ma naqsu qatt. Il-Papa jħobb lil Malta għax pajjiżna huwa wirt storiku ta' l-Appostlu San Pawl. Malta ilha tħaddan it-

*jkompli p. 2*

## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

## IL-ĦAJT IĠĠARRAF

Rajt folla kbira ta' nies tiżfen u tkanta. Min jibki bil-ferħ, min jiftakar f'oħrajn li mietu żmien ilu. Kulħadd jitgħannaq, kulħadd mitluf f'delirju, ma jafx x'ser jaqbad jagħmel.

Il-Ħajt ta' Berlin iċċarrat. L-istess idejn li bnewh kważi tletin sena ilu, reġgħu ħattewh. Tneħħa il-wire imxewwek li kien iġorr miegħu kurrent ta' eletriku li joqtol. U l-folla għaddiet minn naħa għall-oħra: mhux biex tibqa' in-naħa l-oħra, fil-Berlin tal-Punent, iżda sempliċiment għax ħassitha ħielsa li tagmħel dan il-pass; jew inkella biex tkellem lil min ilha ma tarah snin tassew kbar.

Fl-istess ħin, tnejn minn nies, żewġ mexxejja kbar, Bush u Gorbaciov, qed iħejju sabiex jiltaqgħu ftit ġamiet il-bogħod mix-xtut ta' gżiritna, ħalli jitkellmu bejniethom u jaħdmu flimkien ħalli l-paċi tant mixtieqa issir realtà ħajja u dejjiema.

Dan hu l-Avvent tas-sena 1989. Dawn huma l-preparamenti li qed isiru biex ilkoll niċċelebraw il-Milied tas-sena 1989. Ħitan imwaqqa', biex fejn kien hemm il-firda titnissel u toktor il-għaqda; Ftehim sod u dejjem biex il-paċi ssaltan f'kulħadd u għal kulħadd.

B'dawn il-ħsebijiet quddiem għajnejna ilkoll kemm aħna qed nħejju ruħna għall-festa kbira li fiha nfakkru l-miġja fosta ta' l-Iben t'Alla, Salvatur tal-bniedem, Sultan tal-Paċi.

Min jaf kemm tkażajna fl-imgħoddi meta konna nitkellmu dwar il-ħajt ta' Berlin, imsejjaħ minn kulħadd il-Ħajt tal-Mistħija. U kelna raġun. Iżda min jaf kemm ħitan bħalu tellgħajna aħna fil-ħajja tagħna. Kemm fridna bnedmin minna: u fridnihom għaliex ma jaqblux magħna minħabba l-kulur politiku tagħhom, jew inkella minħabba l-ideat differenti li huma għandhom. Min jaf kemm barrejna bies li nafuhom u għalaqnielhom kull mezz li

*jkompli p. 2*

## IL-MILIED U S-SENA T-TAJBA LILL-KOMUNITA PARROKKJALI KOLLHA

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Ghawdex.
Tel: 556377

**Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

24.9.89: DAVID MARIO, iben Emanuel Vella u Giovanna neè Mercieca
24.9.89: LORETTA, bint Thomas Smith u Rita neè Azzopardi.
30.9.89: STEPHEN, iben Frans Vassallo u Mary neè Cauchi.
1.10.89: CLAYTON, iben Raymond Cassar u Mary neè Grima.
7.10.89: JOSEPH, iben Felix Tabone u Pauline neè Cassar
7.10.89: JAMES LAWRENCE, iben Raymond Borg u Maria neè Farrugia
8.10.89: SARAH ANN, bint Anton Mercieca u Maria neè Formosa
8.10.89: CHRISTOPHER, bin George Mercieca u Monica neè Micallef.
15.10.89: ANDREW, iben Michael Camilleri u Maria neè Farrugia.
15.10.89: NAOMI, bint Mario Attard u Samantha neè Sharp.
21.10.89: MARIA bint Peter Paul Portelli u Eugenia neè Mizzi.
4.11.89: NICOLE, bint Vincent Vella u Marlene neè Farrugia.
11.11.89. ROBERTA, bint Richard Portelli u Yvone neè Cauchi.

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**

16.9.89: Raymond Attard u Mary Rose Grech
17.9.89: Teddy Zammit u Frances Grima
1.10.89: Joseph Borg u Lucy Grima
15.10.89: Paul Curmi (Munxar) u Ruth Vella
21.10.89: Joseph Vella (Kerċem) u Diana Grech
28.10.89: Mario Cutajar u Helen Tabone

**Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat**

1.10.89: Krispin Farrugia
5.10.89: George Agius
30.10.89: Joseph Apap
30.10.89: Joseph Zammit
2.11.89: Luigi Sacco.

## *Il-Ġabra b'Risq ir-Rivista*

***Il-ġabra permezz ta' l-envelopes li saret mal-ħarġa ta' Settembru-Ottubru li għadda fl-okkażjoi tal-50 ħarġa ta' "Il-Belt Victoria" laħqet is-somma ta' Lm169.50c. Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk li taw l-offerta tagħhom, inħeġġu lil min forsi ma kellux ċans jibgħat offerta, biex jagħmel dan billi jwassal l-offerta tiegħu mad-distributur tal-Bulettin jew jagħtiha direttament fl-Uffiċċju Parrokkjali.***

***GRAZZI***

**Donazzjoni għar-Rivivista**

*Carmelo Farrugia (Australia) 20A$*

*jaqbad minn p. 1*

tagħlim nisrani għal-sekoli sħaħ. Kienu bosta li riedu joftmuha minn dan it-tagħlim, iżda dawn dejjem sabu nies ta' l-azzar li ddefendew dak li kienu jemmnu fih.

Bħalma kull kap ta' stat jiġi fostna biex jiddiskuti mal- kapijiet tagħna x'inhu ta' ġid għal pajjiżna, anke l-Papa ġej fostna biex jara jekk it-taħbita tiegħu għadhiex qawwija bħal ma wiritnija minn għand ta' qabilna. Mit-taħbita tal-polz, il-Papa jagħraf x'inhi l-marda tagħna fejn qed nonqsu fir-reliġjon u fejn morna fl-estrem. Il-Papa jagħraf liema triq qbadna u għaliex tbegħidna mill-verità Ser jurina biċ-ċar li fostna hemm apatija lejn ir-reliġjon u żdingar fil-frekwenza lejn il-knisja u s-sagramenti. Mid-daqqa tal-polz il-papa jagħraf ukoll id-debolezzi tagħna li qed tnissel stmerrija lejn it-tagħlim li rċivejna.

Il-Papa ġej ukoll jara qalbna. Ser jistaqsina għadniex inħobbu lil xulxin ta' nsara li aħna. X'hemm f'din il-gżira li qed jifred Malti minn ieħor. Ser jistaqsiena wkoll għaliex m'għadniex nimplimentaw it-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu: "Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien". Il-Papa ġej Malta jitlobna bil-ħerqa biex niftħu qalbna għal Alla. 'Aprite Portas Redemptoris' Ser jagħmel kull ma jista' biex il-bruda li nisslet għeruq f'qalbna għal ħutna u l-knisja tingħeleb f'dik il-fidi soda u mħabba li Kristu ħabb il-Knisja tiegħu.

Il-Papa ser isegwi wkoll f'dawn it-tliet ijiem il-passi tagħna. Ser jinkoraġġina ndawru spallejna lejn dawk is-settet li qed jinbtu fostna u jisirqu l-erwieħ mingħand Alla. Ġej jitlobna ngħidu 'le' għal qtil infami ta' l-innoċenti. Ġej iwiddibna li l-vjolenza ma twassal qatt għal għaqda ħienja. Ser jgħallimna li bl-impożizzjoni u bil-firda, l-pajjiż ma jistax jimxi 'l quddiem. F'Malta ma hemmx lok għall-firda. Bit-tagħlim tiegħu. il-Papa ser jgħallima l-verità Bħal ma San Pawl żera' l-fidi, il-Papa ser isaqqiha bit-tagħlim ta' għaqda u mħabba.

J'Alla l-bewsa li jixħet fl-Airport ta' Malta appena jirfes l-art tkun il-bewsa ta' paċi, għaqda u sliem fost il-Maltin.

*jaqbad minn p. 1*

**huma kellhom li jiftħu djalogu magħna. Min jaf kemm żammejna priġunieri tagħna lil dawk ta' madwarna, għaliex ma ridnihomx iduqu dak li ħaddieħor setc' jagħtihom u li huma kellhom kull dritt li jdoquh.**

**Jeħtieġ għalhekk, li jekk aħna rridu li din is-sena nċċelebraw kif jixraq Milied Qaddis, Milied ħieles, Milied fil-veru sens tal-kelma, jeħtieġ li bħan-nies ta' Berlin tal-Lvant inxammru, sabiex b'idejna stess, mingħajr ma nistennew l-għajnuna ta' ħadd, nibdew inġarrfu dawn il-ħitan li maż-żmenijiet tellajna u li bihom tellifna l-ħelsien ta' bnedmin bħalna. Irridu nġarrfu l-egoiżmu tagħna li ħolqinna barrieri u fruntieri li begħduna mill-għeżież tagħna. Irridu nerġgħu naqsmu ma' kull bniedem ieħor il-libertà u l-paċi li ġabilna l-Mulej Ġesù fit-twelid tiegħu.**

**Jeħtieġ ukoll li niddjalogaw flimkien bis-sinċerità; jeħtieġ li nfittxu iktar l-affarijiet li jgħaqqduna milli dawk l-affarijiet li jifirduna. Jeħtieġ li nħarsu f'wiċċ xulxin u f'xulxin naraw lil Kristu li ġie fid-dinja u sar bniedem għalina.**

**Jeħtieġ li matul dawn il-jiem nitolbu: nitolbu ħafna. L-ewwelnett sabiex dan ir-rigal li ġie mogħti lin-nies tal-Ġermanja ta' Lvant ikunu jistgħu japprezzawh u jgħixuh. Nitolbu sabiex mil-laqgħa kbira taż-żewġ mexxejja kbar, fix-xtut ta' Gżiritna joħroġ ftehim dejjiem u fil-fond. Nitolbu għalina lkoll sabiex, jirnexxielna nwittu kull tfixkil li tellgħajna madwarna, u fuq l-istess livell ta' mħabba fraterna, naħdmu għalenija u nistennew bil-ħerqa il-miġja fostna ta' Pawlu ta' żmienna: iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.**

# PJAN TA' KONSERVAZZJONI GĦAR-RABAT T'GĦAWDEX

Hekk kif titkellem dwar il-wirt storiku tar-Rabat Għawdex, kważi kulħadd jiġih f'moħħu il-kastell, jew kif inhu magħruf aħjar, iċ-Ċittadella.

Sfortunatament, fis-snin li għaddew, iċ-Ċittadella sofriet ħafna minn telqa ġenerali, li rriżultat fi ħsarat fil-ħitan u fil-bini. Matul l-aħħar snin, iżda, ingħata bidu għal xogħol ta' restawr anke bl-għajnuna finanzjarja tal-UNESCO - l-organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda, li tikkordina l-ħidma edukattiva, xjentifika u kulturali. Ix-xogħol beda, iżda ovvjament fadal ħafna x'isir. Minbarra r-restawr tal-bini l-antik, wieħed irid jibda jaħseb ukoll kif fil-futur jista' jitfassal pjan t'azzjoni għall-partijiet mitluqa u żdingati li hemm fin-naħa ta' fuq tal-kastell.

Ir-Rabat t'Għawdex, iżda, għandu aktar wirt storiku minbarra ċ-Ċittadella. Il-parti l-antika tar-Rabat, magħrufa bħala il-'borgo", għandha wkoll valur kbir kemm storiku, kif ukoll f'dik li hija arkitettura. Din il-parti tar-Rabat, li tinsab madwar il-parroċċa ta' San Ġorġ, taf l-oriġini tagħha fi żmien il-medjuevu. It-toroq imserpa jixhdu l-ħtiġijiet tal-komunità ta' dak iż-żmien, li bażikament kienu d-difiża kontra l-għadu u l-klima. L-għadu kien jitħawwad u jintnasab fit-tisrip tat-toroq u fl-isqaqien. Barra minn hekk, minħabba li t-toroq huma dojoq, il-faċċati tad-djar huma kważi il-ħin kollu fid-dell, sabiex jilqgħu mix-xemx qawwija li tisreġ fuq il-gżejjer tagħna.

Il-parti l-kbira tad-djar ta' dan il-'borgo" huma sempliċi, iżda s-sempliċità tagħhom f'daqqa toffri sbuħija kbira. Għalhekk, hija ta' sfortuna kbira li, fis-snin li għaddew, din il-parti tar-Rabat assistit għal bosta żbalji u avvenimenti li tellfu mis-sbuħija tagħha.

Numru konsiderevoli ta' djar twaqqgħu u minflokhom telgħu djar li xejn ma jixirqu ma' l-istil sempliċi. Barra min hekk saru wkoll ħafna tibdiliet fil-faċċati u l-aperturi tad-djar, twieqi, biebien u gallerijiet antiki ġew mibdula u minflokhom saru oħrajn fejn intuża materjal bħall-alluminju u ċ-ċeramika, li ħassru mill-effett viżwali sabiħ li darba dawn it-toroq kienu jgawdu.

Problema oħra li għandu l-"borgo", hi li numru konsiderevoli ta' djar sfaw abbandunati min-nies li kienu joqogħdu fihom. L-abbandun tad-djar wassal għal żewġ problemi oħra. L-ewwel, li d-djar vojta mhux qed isirilhom manutenzjoni kif suppost, u għalhekk eventwalment issir ħsara fihom. It-tieni problema hi li b'kull dar li tiżvojta fil-'borgo', qed tonqos l-attività soċjali u ekonomika tal-post.

Jekk il-komunità Għawdxija, kif ukoll dik Maltija, trid li tħares dan il-wirt storiku jeħtieġ li mhux biss il-problemi



*Din it-triq antika f'Salzburg, fl-Awstrija, ġiet ikkonvertita f'"shopping area", fuq stil medjevali. Din hija waħda mil-postijiet l-aktar imfittxija mit-turisti li jmorru Salzburg.*

ma jkomplux jaggravaw, iżda jeħtieġ li jiġi studjat kif jista' jingħata lura l-ambjent li jixraqlu dan il-post. Ovjament dan mhux faċli li jsir. Biex jagħtu bidu għal dan l-istudju tliet studenti Universitarji li qegħdin fis-7 u l-aħħar sena tal-kors ta' l-Arkitettura, qed ifasslu pjan ta' konservazzjoni. Huma qegħdin jispeċċjalizzaw fit-"Town Planning", u bħalissa qegħdin jiltaqgħu ma' individwi u gruppi interessati, biex jiġbru l-informazzjni neċessarja qabel ma jibda jitfassal il-pjan. Hekk kif jitfassal l-ewwel 'draft' tal-pjan, ir-residenti tar-Rabat, kif ukoll nies oħra li jkunu interessati se jiġu mistiedna jagħtu l-opinjoni u s-suġġerimenti tagħhom.

Dan il-pjan ser jimxi fuq il-linji ġenerali ta' pjani ta' konservazzjoni li saru f'bosta pajjiżi, l-aktar Ewropej, bħal, ngħidu aħna, Lucca fl-Italja u Salzburg fl-Awstrija. F'dawn il-pajjiżi, din il-konservazzjoni mhux biss tat benefiċċju personali lir-residenti, iżda żdied ukoll l-interess turistiku f'dawn il-postijiet.

L-akbar biċċa xogħol ser tkun fid id-djar il-vojta jerġgħu jieħdu l-ħajja, billi jżommu l-karattru tagħhom iżda fl-istess ħin joffru faċilitajiet li l-familji moderna titlob. Barra li jiżdiedu r-residenti, jeħtieġ tiżdied ukoll l-attività ekonomika, bħal snajja antiki, u ħwienet oħra li dari kienu jżommu dan il-post mimli bl-attività.

Ċertament, li t-tfassil tal-pjan ta' konservazzjoni mhux ser ikun faċli, iżda bl-għajnuna tar-residenti, in-nies interessati u l-awtoritajiet, b'mod speċjali il-Ministru għal Għawdex, dan jista' jsir, u l-pjan jiġi implimentat fl-interess tal-wirt storiku u kulturali tal-pajjiż, kif ukoll fl-interess tar-residenti tar-Rabat.

***Vince Magri, George Pullicino, Lucien Stafrace***



## JIFTAĦ L-ISTAĠUN TAL-PALK FL-ASTRA

Waħda mill-isbaħ kummiedji ta' Mikelanġ Borg, **"Għandu jew m'Għandux?"** ġiet imtella fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 4 ta' Novembru. Il-Kummiedja, ippreżentata mill-Għaqda tal-Palk ta' l-istess Teatru, saret taħt id-direzzjoni tas-Sur Ġorġ Cini. Din kienet l-ewwel attività tal-palk fit-Teatru Astra għal dan l-istaġun.

# MILIED - MILIED

## Riflessjonijiet

Reġa' magħna l-Milied. Festa ta' ferħ. Festa li waslet għandna minn ġenerazzjoni għall-ġenerazzjoni tul dawr l-aħħar elfejn sena mingħajr qatt ma tilfet mill-oriġinalità u mill-identità tagħha. Ingawduha issa aħna l-insara ta' rieda tajba u hekk ser ngħadduha lil ta' warajna bl-istess spirtu li gawdewha l-ewwel rgħajja ffurtunati fl-okkażjoni ta' wirja eċċezzjonali ta' mħabba bla qies minn min ħabb bla rażan lill-bnedmin dgħajjfa u bla saħħa.

Tarbija misjuba f'maxtura fuq ftit tiben, ittenni l-istorja. Tarbija li sa minn ġuf ommha refgħet u ġarret it-toqol t a' ħtijietna. Tarbija pre-destinata biex tixhed favorina quddiem il-Missier Etern għan-nuqqasijiet tagħna. Tarbija li twieldet abbandunata mill-bnedmin u kkundannata bl-aħrax mill-bnedmin biex tmut u tgħajjex il-bnedmin. Tarbija li ma kienx hemm post għaliha f'pajjiżha, iżda li fetħitilna għal darb'oħra il-bieb tas-sema pajjiżna. Tarbija li twiledet fl-eqqel tal-lejl xitwi biex b'dawlha xejnet id-dlamijiet ta' ruħna mjassra mill-ktajjen ta' l-injoranza. Tarbija li nisslet bewsa sħuna ta' mħabba bejn Alla u l-bnedmin. Tarbija li fetħet għejjun ġodda għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

L-Għar ta' Betlehem huwa l-ewwel knisja li laqgħet lill-Ġesù mhux le taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-imbid, iżda bil-ġisem u d-demm taħt sura ta' tarbija. Hemm nilmhu lill-Marija, t-tabernaklu ħaj li ġarr lill-Ġesù u hemm fl-għar ingħata għalina bħala l-Feddej. Hemm ukoll Ġużeppi, l-protettur u l-puttativ tas-Sagra Familja. Marija u Ġużeppi huma ż-żewġ pilastri li fuqhom imbniet il-knisja ta' Kristu.

Bdew jaslu r-rgħajja li għalina jirrappreżentaw lill-bnedmin ta' karattru sod quddiem l-irwiefen qawwija tal-ħajja. Bnedmin li sforz il-kesha u d-dlamijiet tal-ħajja, iwarrbu wara spallejhom dawk il-ġibdiet għal ħajja komda u jiċċaħdu minn għar twelidhom biex jiltaqgħu u jgħallmu lil dawk inqas ixxurtjati minnhom. Il-merħliet huma dawk il-bnedmin li jaċċettaw it-tagħlim lilhom mogħti mir-rgħajja spiritwali. It-tiben jirrappreżenta l-offiżi li jirċievi Alla mill-bnedmin bil-ġibdiet tagħhom lejn il-frugħat tal-ħajja. L-għera ta' Ġesù fil-maxtura tgħallimna r-rifjut tagħna lejn il-ġid materjali u għaqda intima lejn dak



spiritwali. Il-kesħa ta' dak il-lejl xitwi tindika l-ambjent xejn ferrieħi li Ġesù ġie fih meta għoġbu jsir bniedem. Kienu żmenijiet meta l-baqra u l-ħmara hemm preżenti fl-għar kienu għadhom ma nefħux l-arja sħuna li taffiet ftit mill-kesħa li kienet ilha teżisti ġo l-għar tal-bnedmin sa minn meta l-bniedem waqa' fid-dnub.

Il-maxtura hija għajn ta' virtujiet bla qies. Quddiemha l-kobor tad-dinja jintemm bħal warda mitbiela u bla fwieħa. Il-kbir u s-supperv jgħarrfu x-xejn tagħhom; il-fqir isib il-faraġ bla qies; L-imġewwah jitrejjaq b'ikel spiritwali bl-abbundanza; l-għarwien ixidd fuqu l-libsa ta' Kristu w il-qaddisin. Is-sinjur isib iċ-ċanfira li biha Kristu ċanfar lill-Fariżej: iżjed huwa faċli li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli s-sinjur jidħol fit-tgawdija ta' dejjem.

Il-kant ta' l-Anġli huwa dak il-ferħ etern li kull wieħed u waħda minna għad igawdi meta l-Imgħallem jitlobna rendikont tat-talenti li silifna fuq din l-art.

Hekk Alla nqeda b'dak il-lejl qaddis biex il-bniedem jiċċekken, jiżen ix-xejn tiegħu u jifhem li l-glorja dinjija ma twasslu qatt biex jifhem li min jiċċekken jitkabbar u min jitkabbar jiċċekken.

## SUĠĠERIMENTI GĦAL ŻMIEN IL-MILIED

- Ixtri massalin tal-quddies u segwi l-Ħdud tal-Avvent fuqu. Jekk diġa' għandek ibda ġibu miegħek nhar ta' Ħadd.
- Għin lit-tfal jagħmlu l-girlanda tal-Milied u itlob magħhom kuljum.
- Agħmel il-presepju jew il-Bambin fid-dar f'post fejn jidher.
- Żejjen it-tieqa bid-dawl ħalli noħolqu atmosfera sabieħa fit-toroq tagħna.
- Itla' l-knisja fil-jiem tan-Novena tal-Milied.
- Ibgħat kartolini li jkun fihom xbieha li għandha x'taqsam mal-Milied
- Żur il-morda fl-isptar jew nies waħidhom fid-djar.
- Agħti kontribuzzjoni lil tal-Museum għar-rigali tat-tfal.
- Ibda sellem lil dawk li ma taqbilx magħhom u aħfer.
- QERR U TQARBEN U ITLOB IL-PAĊI TA' ALLA.
- Hu sehem fil-quddiesa ta' nofs il-lejl.
- Evita divertimenti ħżiena li jerġgħu itellfuk il-paċi ma' Alla.
- Laqqgħa l-familja flimkien għall-ikla tal-Milied.
- Għin bil-qalb meta tiġi mitlub tgħin fl-attivitajiet tal-Milied.
- Żomm relazzjonijiet tajba ma' sħabek fuq ix-xogħol.
- Ikteb jew ċempel lil niesek li huma msefrin.
- Agħti rigal lil xi istitut jew nies batuti.

# IL-BXARA



U ferħu r-ragħajja
ta' l-Anġli bl-aħbar
ħallew in-ngħaġ tagħhom
U telqu lejn l-għar.

La bard, lanqas kesħa--
Ma tawx każ tal-ħin;
'Mma fis irħew kollox
U terqu ħenjin.

Hemmhekk fil-maxtura
Ma' Ommu Marija
U t-twajjeb Ġużeppi
Taw ħajr lit-Tarbija.

Ma' l-ilħna ta' l-Anġli
Tingħaqad bla kliem,
Il-kotra b'qalb safja
Mogħnija bis-sliem.

Fid-dalma tal-lejla
Dawl leħħ fis-smewwiet
Li nfirex bħal berqa,
Fl-irħula, fl-ibliet.

Jifirħu l-kbar, l-għonja
Iż-żgħażagħ, il-fqar;
Ġesù twieled fostna
Bejn baqra u ħmar.

Jifirħu t-tfal ċkejkna
Fil-lejl tal-Milied
U f'Qalbhom kull hena
Tal-Ġenna tiżdied.

B'dan it-Twelid tiegħu
Ġesù feda l-bniedem,
Li issa fid-dinja
Igħix ħieni u niedem.



U jalla dil-Bxara
Ta' l-anġli fuq l-għar
Għal dejjem issaltan
Ġo tagħna id-djar.

Biex dan iseħħ kollu
Irridu 'l-Bambin
Inħallu fi qlubna
Isaltan kull ħin.

Għas-Sena li ġejja
Ġesù inwiegħduk--
Sa nagħmlu minn kollox
Biex qatt ma nonqsuk.

***Kav. Joe. M.Attard***

## ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA

Ħdud u Festi: 4.00 p.m. u 5.30 p.m.
Matul il-Ġimgħa: 5.00 p.m. u 6.00 p.m.

## *EDITORJAL*

# SENA WARA SENA

***Sena wara sena ż-żmien dejjem għaddej. Kull meta joqrob tmiem is-sena kulħadd iħares lura biex jara jekk matul dik is-sena li tkun waslet biex tispiċċa kenitx għalih ta' suċċess jew inkella kellux fejn imur aħjar hu forsi għax ma tax kas baqa' lura.***
***Aħna wkoll bħala komunità parrokkjali f'dan iż-żmien tas-sena irridu naħsbu fuq dak li wettaqna matul is-sena li waslet biex tispiċċa. Żgur li matul l-1988 wettaqna affarijiet tajbin. Il-Parroċċa tagħna żgur li toħroġ bl-unuri kollha f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi reliġjużi li jkollna fil-Bażilika tagħna. Żgur li l-komunità parrokkjali hija moqdija ferm tajjeb f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-fidi tagħna. Din il-ħidma kontinwa fil-qasam spiritwali ma gawdewx biss minna l-membri tal-komunità parrokkjali iżda eluf ta' Għawdxin minn kull rokna tal-gżira.***
***Jekk dan kollu huwa ta' ġieh għall-parroċċa tagħna, dan huwa kollu mertu tas-saċerdoti tagħna flimkien ma' l-Arċipriet. Lilhom illum irridu nroddu ħajr ta' dak kollu li matul is-sena għamlu biex il-parroċċa tagħna toffri tant u tant għajnuna lill-insara ta' gżiritna.***
***Aħna l-lajċi, membri tal-Komunità Parrokkjali wkoll irridu nħarsu lura u naraw is-sehem tagħna kienx wieħed li jixirqilna. B'dan irridu nifhmu jekk aħna konniex matul din is-sena li għaddiet membri verament ħajj tl-komunità li minna nagħmlu parti. Żgur li hemm uħud li l-komunità tista' tiftaħar bihom. Huma membri verament ta' eżempju għal ħaddieħor. Dawn isegwu mill-qrib il-ħajja fil-komunità parrokkjali għalhekk issibhom jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet ta' kull xorta li l-parroċċa toffri matul is-sena.***
***Iżda mbagħad hemm oħrajn li żgur matul is-sena li għaddiet intelqu u baqgħu lura u donnu li għalihom is-sens ta' komunità ma jeżistix. Dawn illum iridu jieqfu ftit u jaħsbu.***
***Tajjeb għalhekk li aħna membri tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ nibdew nirrealiżżaw li biex inkunu membri ħajjin tasew mhux bilfors inkunu fost dawk li, bla interess, ta' kuljum jgħinu fl-organiżżazzjoni tal-parroċċa, imma nkunu membri ħajjin meta nieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-parroċċa billi nieħdu parti f'dawk l-attivitajiet li jkunu organiżżati għal kategorija tagħna. Il-Bord Editorjali jixtieq lil kulħadd Milied ħieni u sena ġdida mimlija ħidma b'risq il-Komunità kollha.***

## Il-Chorus Urbanus fuq T.V.M.

Il-CHORUS URBANUS tal-Bażilika tagħna ser jidher fuq it-Televiżjoni Maltija fil-programm "Għawdex Illum' fl-edizzjoni speċjali tal-Milied. Il-kor, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea, ser ikanta numru ta' carols kif ukoll għanja miktuba minn Mro. Galea innifsu bl-isem 'Hodie Christus Natus Est'.

Ir-recording għal dan il-programm sar fil-Bażilika tagħna u ser jixxandar nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru fis-7.00p.m.

# "Qassisin f'Għawdex sa l-1689"
## It-Tielet Taqsima

minn John Bezzina

### 1531 - 1551

Billi l-lista ta' qassisin f'Għawdex bejn dawn is-snin hija itwal mit-tnejn li elenkajna, kif ukoll f'imħabba notamenti ma xi uħud minnhom, kellna għal-lum inħallu barra l-introduzzjoni storika tal-Miġja tal-Kavallieri f'dawn il-gżejjer l-effetti tagħhom fuq Għawdex u l-Għawdxin bejn l-1530-1551, għalhekk id-darba li ġejja billi l-lista tkun qasira 'jkollna l-wisa' nidħlu fid-dettalji storiċi ta' dawn l-20 sena.

| | |
|---|---|
| 1. Rosicano, D. Giacomo | 20-8-1531.... |
| 2. Vella, D. Ġwann | 20-8-1531.... |
| 3. Sanctoro, D. Antonello | 3-10-1531.... |
| 4. Castelletta, D, Nikol | 19-8-1532 - 1552 (a) |
| 5. Dalli, D. Leonardo | 1532 - .... (b) |
| 6. De Migliares, D. Rodorigo | 1532 - .... |
| 7. De Naso, D. Ġwann | 1532 - .... |
| 8. De Rigio, D. Katald | c. 1532 - .... (c) |
| 9. Laczo, D. Lawrenz | 1532 - .... (d) |

### IL-LISTI TAL-BOLLA TAL-KROĊJATA - 1533

Fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina hemm Ms. (Ċ.E.M. A.O. vol. 12 (1533), ff. 9-18) għal ewwel darba misjub u studjat minn Dr. Godfrey Wettinger (e). Dawn il-ftit folji jikkonsistu f'lista ta' 294 persuna differenti Għawdxin li fl-1533 inkitbu fil-Bolla tas-Santa Crociata, dik li l-lum hija magħrufa bħala 'Il-Bolla tal-Qabar ta' Kristu'. Din il-lista, tliet snin biss wara l-Miġja tal-Kavallieri tixhed:

(i) It-tixrid ta' qima lejn l-Art Imqaddsa u rispett lejn il-Kavallieri ta' Ġerusalemm, li magħhom issa l-Għawdxin riedu jintgħoqbu. (ii) Il-lista hija komposta minn persuni l-aktar magħrufa f'dawk is-snin f'Għawdex. (iii) L-ismijiet u l-kunjomijiet esistenti f'Għawdex qabel l-Assedju tal-1551. (iv) Fin-nuqqas ta' reġistri taż-Żwieġ ta' qabel l-1556, din il-lista timla vojt għaliex turina dak li inkiteb bin min kien jew ta' min kien ir-raġel jew mara. (v) Min kienu l-qassisin li inkitbu fil-bolla tal-Kroċjata.

L-ewwel ħaġa li laqtitna f'din il-lista huwa li minn 588 persuna differenti 'msemmija f'din il-lista, nsibu li ħames persuni biss jisimhom Ġorġ, filwaqt li ma 'nsibu l-ebda persuna li jisimha: Marija, Sunta, Annunzjata, Carmela, Concetta, Immakulata, Dolores jew Loreta.

L-għadd ta' qassisin u Kjeriċi u Patrijiet li 'nkitbu fil-Ċroċjata fl-1533 huwa ta' ħmistax:

10. Agueine, Kje. Andrea
11. Sansone, Dja. Guffridus
12. Di Toledo, Kje. Celi
13. Apap. Kje. Lawrenz
14. Florentino, Kje. Fidirico
15. Gaudisii, D. Ignazio
16. Chappisa, Kje. Jo.
17. Di Manueli, D. Antonello
18. Balestrera, D. Nikola
19. Chetcuti, D. Manuele
20. Cassar, D. Antonio
21. Merchic, Fr. Antonio

Fil-lista hemm ukoll Castella, D. Alvaro, Kappillan ta' S. Ġorġ (ara Nru. 36 ta' l-ewwel lista tagħna), Brunetto, D. Matteo (ara Nru. 23 tat-Tieni lista) u De Luchia, D. Antonio (ara Nru. 26 tat-Tieni lista)

### 1534 - 1551

| | |
|---|---|
| 22. Manuele, P. Franġisk | 18-8-1534 (f) |
| 23. Caxaro, Kje. Andreotta | 24-11-1537 (g) |
| 24. Saliba, D. Lorenzo | c.1540 (h) |
| 25. Fantino, D. Matteo | c.1540 |
| 26. De Federico, D. Manfred | c.1540 (i) |
| 27. De Sans, D. Goffredo | 18-8-1540 (j) |
| 28. Parnis, D. Ġwann | c.1540 |
| 29. De Sans, D. Andrea | 1544 (k) |
| 30. Calleja, P. Leonardo | 1545 (l) |
| 31. Canciur, D. Gonsalvo | 7-1-1545 (m) |
| 32. Burlò, D. Pietro (Malti) | 1545 (n) |
| 33. De Armanno, D. Ġwann | 1545 |
| 34. Manueli, D. Antonello | c.1545 (o) |
| 35. De Cace, D. Leonardo | 3-12-1546 (p) |
| 36. De Federico, D. Andrea | 1550 (q) |
| 37. Mannara, D. Lorenzo | 1551 (r) |
| 38. Marino, D. Lorenzo | 1551 (s) |
| 39. Pincia, P. Mikiel | 1551 (t) |
| 40. Rapa, D. Ġwann | 1551 |
| 41. Rapa. D. Piju | 1551 (u) |
| 42. Manweli, D. Angelo | 1545 |

### L-EWWEL LISTA

Fl-ewwel lista f'medda ta' 130 sena (1370-1500) elenkajna biss 41 qassis f'Għawdex. Żgur li n-numru kien akbar. Fit-tieni lista li tkopri 27 sena (1501-1528) għandna mniżżlin 33 saċerdot. F'din tal-lum f'dawra ta' 20 sena (1531-1551) sibna 5 kjeriċi u 37 qassis. B'kollox s'issa semmejna 116 il-saċerdot. Żgur li ma sibnihomx kollha.

Meta wieħed jifli dawn l-ismijiet jistgħu joħorġu ħafna fatti:
(i) Min kienu, bin min kienu dawn il-qassisin?

(ii) Li bħal fil-Listi tal-Kroċjatà ta' l-1533 ma hemm l-ebda qassis li jismu Dun Marju jew xi isem ieħor marbut mal-Madonna f'dawn il-116 il-qassis.

(iii) Li fost il-116 qassis wieħed biss jismu Dun Ġorġ (nru.25 ta' l-ewwel lista), D. Ġorġ Refalo.

(iv) Li bħal fil-Listi tal-Kroċjata, hekk ukoll fil-lista tal-qassisin jispikkaw l-ismijiet Antoni u varjanti tiegħu: 14 il-wieħed, Johannes: 11, Giacomo: 6. Angelo-Mikelangelo: 9, Andrea: 7, Lorenzo: 7, Nikola: 5 u Leonardo: 4.

(v) Li f'lista ta' 116 il-qassis għandna 42 isem differenti, li tikkompara tajjeb mas-66 isem differenti fil-listi tal-Kroċjata, li fihom hemm 588 persuna imsemmija.

(vi) Li kieku bejn l-1370-1500 il-popolazzjoni t'Għawdex kienet 5,000 ruħ, kull qassis kellu taħt il-kura tiegħu 122 persuna, imma aħna żguri li l-għadd ta' qassisin kien aktar mill-41 li sibna aħna.

(vii) Li kieku il-popolazzjoni t'Għawdex bejn l-1501-1530 kienet ta' 7,000 ruħ, kull wieħed mit-33 saċerdot kien ikollu taħt il-kura tiegħu 212 il-persuna

(vxii) Li kieku il-popolazzjoni t'Għawdex skond kif jgħidilna Giacomo Bosio P. III, P.96) qabel l-1551 kienet tlaħħaq madwar 8,000 ruħ, kull saċerdot mit-38 li semmejna kellu taħt il-kura tiegħu 210 persuna.

Dan qed ngħiduh biex li ma huwiex sewwa ma huwiex minnu li jingħad li tal-inqas bejn l-1500-1551 kien hemm nuqqas ta'

qassisin f'Għawdex. Dak li kellna kien: li kien hemm għadd kbir ta' benefiċċji tar-razza imferrxa l'hemm u l'hawn f'Għawdex, li kienu dejjem f'idejn ftit qassisin għax tar-razza, u dawn għalkemm kull wieħed kien jiġbor il-legati ma kienx ilaħħaq ma l-adempiment ta' tant obligazzjonijiet, ta' tant quddiesa fil-ġimgħa li fiha biss sebat ijiem , u terġa u tgħid il-biċċa il-kbira tal-legati marbuta ma l-istess artali, fl-istess kappelli, anessi mal-knisja parrokkjali . li t-testamentarji kienu jqisu bħala "IL-MATRIĊI" tagħħom, u hekk kienu jġiegħlu lin-Nutari jniżżlu fit-testmenti għax fil-fatt kienet "Omm" dawn il-Kappelli, li huma bnew annessi, jinfdu ma' jew imissu magħha. Safejn nafu fis-seklu XV, il-knisja parrokkjali ta' S. Filep f'Ħaż-Żebbuġ, u l-knisja parrokkjali ta' S. Marija ta' Birmiftuh, it-tnejn ġie li issejjħu wkoll 'MATRIĊI' (w). It-tnejn kellhom għadd ta' kappelli mibnija ħdejhom inklużi waħda ta' S. Ġorġ fejn dik ta' Ħaż-Żebbuġ, u tnejn f'ġieh S. Ġorġ ħdejn dik ta' Birmiftuh.

U safejn nafu wkoll sal-lum, minn dawn iż-żewġt parroċċi f'Malta, fis-seklu XV ma kienet għadha ħarġet l-ebda parroċċa. Fis-seklu XV u anke ħafna wara, 'knisja' ġie li kienet tissejjaħ 'Matrice' (Knisja Omm) sempliċement għax kienet tkun knisja parrokkjali u għalhekk fl-inħawi kellha kappelli u knejjes filjali li ma kienux ikunu parroċċi. Dan it-titlu 'matrice' kien jingħata avolja ma tkun ħarġet ebda parroċċa minnha. F'kelma waħda kienu jużaw il-kelma 'Matrice' fis-sens ta' "Chiesa Madre" li sal-lum għadha tingħata f'xi nħawi fil-kampanja ta' l-Italja t'isfel u fi Sqallija.

Fil-lista tal-lum ħallejna barra lil Patri Majjistru Bartilmew Bonavia, Malti minn Bubaqra li kien Għawdex fl-1551, u li ma ittiħedx ilsir. Dan għamilnieh għaliex diġa' semmejna lil 'D. Bartilmew Bonavia (ara Nru. 25 tat-Tieni lista) u li aktarx kien il-Patri.

Fl-1551 Patri Bonavia mill-Gvernatur wil-kbarat Għawdxin tniżżel mas-Sur biex jasal għal pattijiet taċ-ċedir tas-sur b'kull min u b'kull ma kien fih, għajr mitejn kbarat tal-Gżira. Jiġifieri il-Gvernatur wil-kbarat biex isalvaw ġidhom u ġildhom kienu lesti biex jittradixxu lil poplu kollu bħal ma fil-fatt għamlu. Imma għarrielhom, kif naraw fid-dettal iżjed il-quddiem.

**RIFERENZI**

a. Twieled c. 1490. Maħtur Kappillan f'1531, jaqa lsir fl-1551 fejn miet 1552-1553.
b. Kien joqgħod fil-kastell, u ħa l-Ordni Sagri min idejn l-istess Isqof Dumnikan li ħadhom D. Lawrenz De Apapis.
c. Fl-1532 kien diġa xiħ.
d. Laczo, fit-12 ta' Nov. 1539 bit-testment ta' Lorenzo Bonanno kien marbut li jqaddes kull nhar ta' Sibt fil-knisja ta' S. Katerina li kienet tmiss mal-knisja ta' S. Ġorġ. (NAV/R. 399/7, f. 318 r.v), Wettinger Godfrey, Il-Ġrajja Bikrija... 1975, p.9.
e. Wettinger, Godfrey, "The Placenames and Personal Nomenclature of Gozo 1372-1600 in Oriental Studies, Leeds 1980)
f. De Lucia, D. Antonio fl-1548 minn proċess li għamel hu, jidher li kien viċi-kurat ta' S. Ġakbu. Hu stqarr li dejjem qeda dmiru sewwa bħala qassis twajjeb u bħala "Curatu et... Cappellanu dila ditta parrochia di Sancto Jacobo quali officio havi servito, facto et amministrato, havendo curam animarum easque gubernandoia (già). CEM/AO, vol. 28 fol. 204.
g. F'din is-sena kien diġa xiħ.
h. Kien it-tifel ta' ħu Isabella mart Rodorigo Messina
i. Miet c. 1558 fil-jasar.
j. Kiseb il-Benefizzju ta' S. Barbra t'Augusta u dak ta' Ras Sannat fl-Inħawi tax-Xlendi. Miet fil-jasar fl-1553 (Ben. f.710). Il-benefizzju ta' S. Barbra t'Augusta alias Mġarr ix-Xini in contrada Sceuchiae kien imiss mal-qasam Ta' Ċenċ. Kien jikkonsisti f'żewt għelieqi 'Tal-Chifar (jew tal-Chief:? Ċief), u IS-SINED TA' SAN ĠORĠ in contrada il Cortin tal-Baiada. Il-benefizzju twaqqaf min Antonio d'Agosta fl-atti tan-Nutar Andrea de Beniabin 10-1-1460. Dan il-benefizzju kien magħruf ukoll bħala IL-BENEFIZZJU TA' S. ĠORĠ (Ben. RML.AD 73 fols.1017-1019). D'Agosta waqqaf ukoll il-Benefizzju Ta' Raf. Għamlilna din in-nota għaliex għal xi raġuni Jos Bezzina meta' reċentament tagħna taħt dettalji dwar it-topografija ta' Sannat ma semmiex: "Wied S. Ġorġ" qrib il-pinnur tal-Bardan, ma Semmiex "Is-Sined ta' S. Ġorġ" qrib il-Cortin tal-Baiada u meta 'semma lil S. Barbra, ma semmiex il-Benefizzju ta' S. Barbra t'Augusta li kien magħruf ukoll bħala 'Il Benefizzju ta' S. Ġorġ) u l-anqas qalilna li 'S. BARBRA' bħal S. Ġorġ u S. Margerita kienet waħda (l-aħħar waħda) fil-lista tal-ħmistax 'Qaddisin Awsiljaturi'.
k. Dan miet qabel 18-8-1540, għax f'dan il-jum il-benefizzju 'Tal-Marġa' jew ta' Robazza f'Ta' Gelmus għadda f'idejn D. Lawrenz de Apapis.

## ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Darba waħda kien hemm familja rjali li ftit wara ż-żwieġ tagħhom tweldilhom tifel. It-tnejn ferħu li issa kien ser ikollhom eredi għat-tron. Sena wara, dan it-tifel sab ruħu f'sala kbira mimlija b'kull kwalità ta' **toys.** Huwa tħalla fil-libertà tiegħu, ikisser, isewwi, iħott u jżarma dawn il-ġugarelli. Kellu biss seftura li kienet ordnata tħallih jagħmel minn kollox bla ma tkellmu, basta ma jkorrix. B'hekk, huwa kellu min jieħu ħsiebu l-ġurnata kemm hi twila.

Meta aħna ġejna maħluqin, il-ħsieb t'Alla kien li nkunu liberi f'dinja li ġiet maħluqa apposta għalina. Ħalaqna liberi , kuntenti, ferħana u ma jonqosna xejn. Tana dinja mimlija b'kull ġid u dak kollu li tixtieq qalbna. Ħalqilna dinja mimlija kuluri u msebbħa b'melodiji mill-ohla bil-kant ta' l-agħsafar. Tana wkoll gwida l-Anġlu Kustodju -- biex imexxina u jħarisna, jieħu ħsiebna, iwiddibna jekk inkunu se niżbaljaw, jurina x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, jurina l-mogħdijiet it-tajba, anki f'nofs ta' lejl mudlam, jgħinna nagħrfu d-dmirijiet tagħna u jgħinna nwettquhom.

Aħna wkoll ġejna maħluqin biex, bħal dak it-tifel ta' l-istorja, nirtu tron iżda mhux tron ta' din id-dinja. Ħmar hu min jorbot qalbu mal-ġid ta' din id-dinja. Fuq din l-art, aħna qisna bħal turisti, għax pajjiżna veru huwa biss is-Sema. Wara li ngħaddu ħajjitna hawn, irridu mmorru fid-dar propja tagħna. Alla jgħinna b'kull mod biex naslu għandu, iżda huwa dmir tagħna li nagħmlu ħilitna biex biex qatt ma nitbiegħdu mit-triq it-tajba. Minn din id-dinja jiddependi l-futur tagħna fil-ħajja li għad trid tiġi. Mela, kuraġġ: inkunu dejjem ħbieb ma' Dak li għad isalvana u jeħodna ħdejh.

Tfal, qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nawgura lilkom u lill-familji tagħkom, Milied ħieni u Qaddis kif ukoll Sena Ġdida mimlija risq u barka minn Alla.

*Tatà.*
*Iz-Ziju Peppi*

l. Laħaq Kappillan ta' S. Ġorġ. Waqa lsir fis-27 ta' Mejju 1546, u miet fil-jasar. Dan ukoll kellu f'idejh għal xi żmien il-Benefizzju ta' S. Ġorġ li għandna kemm semmejna.
m. Kien patri ta' S. Franġisk.
n. F'din id-data għamel it-testment tiegħu għand De Apapis.
o. Kan. tal-Katidral ta' Malta, minn Ruma inħatar Kappillan ta' S. Ġorġ t'Għawdex minflok De Sans. Imma billi meta waslet ir-risposta, l-Isqof Cubelles kien diġa' ħatar Kappillan ta' S. Ġorġ lil D. Lawrenz De Apapis. Burlò ċeda postu wara li żamm għalih pensjoni ta' **ħames ducati** fis-sena, somma mhux ħażin għal dak iż-żmien u li tixhed li l-parroċċa ta' S. Ġorġ kienet taħleb mhux ħażin allavolja kienet il-knisja tal-poplu.
p. Betta Abela mart Mattia de Manuele mietet ilsira fl-1551 (Ben. ff.623, 1026).
q. Għawdxi, f'din id-data' 'nħatar kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ f'Malta. Wara l-Assedju tal-1551 f'imħabba il-mewt tal-kappillan Castelletti 1552-1553, inħatar kappillan ta' l-Assunta tal-Kastell fejn dam sa l-1569 meta' 'nħatar Kappillan Maġġur tal-Katidral tal-Imdina. Miet fl-1601.
r. Għalkemm jissemma fl-1550 (Ben. fol-1019), dan fit-18-9-1540 kien diġa mejjet
s. Meħud fil-jasar fl-1551 fejn miet.
t. """"""""""
u. """"""""""
v. Dun Ġwann u D. Piju, kien nepputijiet ta' D. Pin. D. Piju kien kiseb il-Benefizzju ta' Wied is-Seqer mingħand D. Pin. It-tlieta ittieħdu ilsiera fl-1551 wit-tlieta mietu hemm.
w. Wettinger Godfrey, "Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi t'Għawdex 1435-1551", Malta 1975, pp.2,3.

## CALYPSO FAIR FL-ASTRA



F'nofs Ottubru li għadda fil-Kumpless tat-Teatru Astra fir-Rabat, Għawdex, inżammet fiera oħra kummerċjali li tispeċjalizza fi prodotti ta' użu għall-familja, b'mod partikolai għall-mara tad-dar. Il-fiera, magħrufa bħala l-Calypso Fair, ġibdet lejha mijiet ta' Għadwxin tul it-tliet ijiem li damet miftuħa.

Il-Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, żar il-Fiera fl-aħħar ġurnata li kienet miftuħa għall-pubbliku. Huwa ġie mdawwar ma' li Stands kollha mis-Segretarju Ġenerali tas-Soc. La Stella, is-Sur Paul M.Cassar u diriġenti oħra tal-Kumitat. L-organizzazjoni tal-Calypso Fair hija tas-Soċjetà La Stella.

Fost il-prodotti li kien hemm għall-wiri fl-edizzjoni ta' din is-sena nsibu għamara, pjanti, fridges, toys, cookers, TV sets, oġġetti taċ-ċeramika, ikel, tagħmir tal-gymnasium, fotografija, kotba, videos, magni tal-ħjata u oġġetti utli għall-kċina.

Il-Calypso Fair hija waħda minn żewġ fieri kbar li d-direzzjoni tas-Soc. La Stella torganizza ta' kull sena fil-Kumpless tagħha fi Triq ir-Repubblika.

## Programm mill-Banda "La Stella"



Il-Banda Ċittadina "La Stella" fakkret is-suċċess li kisbet fil-Festival Internazzjonali ta' CANICATTINI BAGNI bi Programm Mużikali li nżamm fi Pjazza Indipendenza, Victoria, nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru. Il-Banda li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Joseph Vella, daqqet l-istess programm li esegwiet f'Canicattini Bagni. Qabel il-programm sar marċ minn Triq ir-Repubblika sal-pjazza.


## Lotterija MAZDA 121

**Biljett 25c**

**DATA TAT-TLUGĦ:**

**ĦADD IL-GĦID**

**15 ta' April 1990**

IXTRI BILJETT ILLUM


## Okkażjoni Speċjali għall-Familji Għawdxin bħala ftuħ tal-ġranet festivi tal-Milied 1989

# IL CUORE DI BEN

*L-Operetta Popolari u Immortali*

*ta'*

**Giuseppe Giardini Vella**

***fit-TEATRU ASTRA***

IS-SIBT, 16 ta' Diċembru fis-7.00 p.m. IS-SIBT, 23 ta' Diċembru fis.7.00 p.m.

Il Cuore Di Ben kienet l-ewwel operetta li qatt dehret f'Għawdex fl-1930 u li, aktar tard, tat bidu għall-attivitajiet tejatrali fit-Teatru Astra wara li kien ġie inawgurat uffiċċjalment fil-21 ta' Jannar 1968.

Hija "ġawhra" ta' operetta li baqgħet imnaqqxa fil-qlub ta' ġenerazzjonijiet Għawdxin. Il-melodiji ħelwin ta' din l-operetta għadhom jidwu fid-djar u t-toroq ta' beltna sal-ġurnata tallum.

Din id-darba l-operetta se tkun ferm aktar sofistikata u rikka kemm mill-vuċijiet, kostumi, xenografija u koreografija. Jieħdu sehem l-aħjar atturi u kantanti tal-Għaqda tal-Palk Astra flimkien maż-żewġ korijiet Laudate Pueri u Chorus Urbanus.

*Booking jiftaħ is-Sibt, 9 ta' Diċembru.*

***"Spot" interessanti dwar IL CUORE DI BEN se jixxandar fil-programm televisiv "Għawdex Illum", edizzjoni ta' l-Erbgħa, 13 ta' Diċembru.***